Zurrieq	Id-direttt dominju perpetwu tal-fond jismu 'Casa Darmanin' fi Vjal il-Blue Grotto *The perpetual direct dominium of the tenement named 'Casa Darmanin' in Vjal il-Blue Grotto;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		2669/03
Zurrieq	Zewg bicciet minn Plot 18 mill-art Ix-Xwieki Gawhar, tal-kejl kumplessiv ta' 5,029 m.k.; *Two portions of Plot 18 of the land Ix-Xwieki Gawhar, together covering an area of 5,029 s.m.;*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		2746 u 2747 ta' l-2003

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-Sajf).

Dott Audrey Vassallo, LL.D.
Aġent Direttur, Reġistru ta' l-Artijiet

It-30 ta' Settembru, 2003

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 11.30 p.m. (Summer hours).

Dott Audrey Vassallo, LL.D.
Acting Director, Land Registry

30th September, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt għall-Postijiet ta' *Senior Economist* fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Senior Economist* fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi.

2.1 Il-persuni magħżula jkunu mistennija li jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Senior Economist* fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, liema kuntratt jista' jiġġedded għall-perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Senior Economist* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Jekk il-persuni magħżula jkunu uffiċjali pubbliċi, huma jżommu il-grad sostantiv tagħhom waqt il-perjodu tal-kuntratt u jerġgħu lura għal dan il-grad sostantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuni magħżula ma jkunux uffiċjali pubbliċi, is-servizz tagħhom mal-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Senior Economist* fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 6 (bħalissa Lm8,224 fis-sena).

3.2 F'każ li l-persuni magħżula jkunu uffiċjali pubbliċi, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħhom u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *allowance* mhux pensjonabbli.

3.3 Jekk il-persuni magħżula jkunu uffiċjali pubbliċi, u matul il-perjodu tal-kuntratt, jinħatru fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 6, huma jkunu meħtieġa li jirrinunzjaw d-doveri ta' *Senior Economist* u jkunu trasferiti għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħhom. Barra minn hekk, jekk is-salarju sostantiv tal-persuni magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 6 permezz ta' *progression,* il-persuni jitħallew ikomplu l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħhom kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma jiġux offruti tiġdid tal-kuntratt.

4.1 Minħabba n-natura tax-xogħol involut, il-persuni maħtura jkunu intitolati għal *disturbance allowance* ta' mhux aktar minn 15% tas-salarju tagħhom għall-xogħol li jsir regolarment wara l-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju. Din l-*allowance* tista' tiżdied sa 25% f'każi eċċezzjonali, u bl-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Senior Economist in the Ministry of Finance and Economic Affairs

The Public Service Commission invites applications for the positions of Senior Economist in the Ministry of Finance and Economic Affairs.

2.1 Selected candidates will be expected initially to enter into a three-year performance contract as Senior Economist in the Ministry of Finance and Economic Affairs which may be renewed thereafter for further three-year periods subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Senior Economist during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2 If the selected candidates are Public Officers, they will retain their substantive grade during the contractual period and will revert to their substantive grade on the termination of the contract. If the appointees are not public officers, their service with the Ministry of Finance and Economic Affairs as well as with Government will be terminated in the event that the contract is not renewed or is terminated.

3.1 The salary attached to the position of Senior Economist in the Ministry of Finance and Economic Affairs is equivalent to the maximum of Scale 6 (currently Lm8,224 per annum).

3.2 In the case that the selected applicants are public officers, the difference between the salary to which the selected officers are entitled by virtue of their substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.3 If, the selected candidates are public officers and, during the contract period, are appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 6, they will be required to relinquish the duties of Senior Economist and be transferred to duties pertinent to their new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officers becomes higher than the maximum of Salary Scale 6 through progression, they will be allowed to complete their term of engagement as provided by the contract in force at the time, but they will not be offered subsequent renewal of the contract.

4.1 In view of the special nature of the duties involved, the appointees will also be entitled to a disturbance allowance of up to 15% of their salary for work performed regularly after office hours. The allowance may be increased to up to 25% in exceptional circumstances, and on the approval of the Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs.

4.2 Il-persuni magħżula jkunu intitolati għal *performance incentive bonus* ta' mhux aktar minn 15% tas-salarju bażiku tagħhom, fuq bażi ta' riżultati pożittivi.

5. Persuni fil-pożizzjoni ta' *Senior Economist* ikunu meħtieġa, *inter alia,* li jagħmlu sorveljanza, analiżi u tbassir dwar makro-ekonomija, dwar żviluppi f'setturi ekonomiċi u li jeżaminaw u jħejju studji u rapporti u dokumenti oħra dwar *policies*. Il-persuni magħżula jkunu wkoll mistennija li jikkontribbwixxu fil-pubblikazzjonijiet tal-Ministeru u għal titjib fil-qafas analitiku.

6. L-applikanti għandhom:-

a) ikunu ċittadini ta' Malta;

b) ikollhom *first degree* minn Università rikonoxxuta fl-Ekonomija u *post-graduate degree* (livell ta' *masters)* fl-Ekonomija jew suġġett ieħor relatat;

ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà mpjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola *(GP 47) Service and Leave Record Form;* applikanti oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għal din il-pożizzjoni.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adattati għal din il-pożizzjoni.

10. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Il-*Public Service Management Code* tista' tiġi aċċessata fuq il-*website* tal-*MPO* fl-indirizz:-http://www.mpo.gov.mt.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mis-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta sa mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-31 ta' Ottubru, 2003.

4.2 Selected candidates will also be entitled to a performance incentive bonus of up to a maximum of 15% of their basic salary subject to positive performance.

5. A Senior Economist will be required, inter alia, to undertake and lead the monitoring, analysis and forecasting of macro-economic and sector economic development and to assess and prepare studies and briefing material and other documents on policy-oriented issues. They will also be expected to contribute towards the publications of the Ministry and to an enhanced analytical framework.

6. Applicants for the position must:-

a) be citizens of Malta;

b) be in possession of a first degree from a recognised University in Economics and a post-graduate degree (Masters level) in Economics or related subject;

c) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must provide a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

7. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

9. Selected candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

10. On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address:-http://www.mpo.gov.mt.

11. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs, House of Catalunya, Marsamxett Road, Valletta by not later than noon of Friday, 31st October 2003.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm jew jinkisbu mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand is-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi fl-indirizz t'hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tal-Ministeru huwa +356 - 21 227 960).

14. (a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat riċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mis-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi.

It-30 ta' Settembru, 2003

12. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm or obtained from the Office of the Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs, at the above address by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Ministry is +356 - 21 227 960).

14. a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs and a receipt will be given at the time of delivery.

b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs will acknowledge in writing within seven (7) days.

30th September, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt għall-Postijiet ta' *Case Officer* fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Case Officer* fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi.

2.1. Il-persuni magħżula jkunu mistennija li jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Case Officer* fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, liema kuntratt jista' jiġġedded għall-perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Case Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2. Jekk il-persuni magħżula jkunu uffiċjali pubbliċi, huma jżommu il-grad sostantiv tagħhom waqt il-perjodu tal-kuntratt u jerġgħu lura għal dan il-grad sostantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuni magħżula ma jkunux

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Case Officer in the Ministry of Finance and Economic Affairs

The Public Service Commission invites applications for positions of Case Officer in the Ministry of Finance and Economic Affairs.

2.1. Selected candidates will be expected initially to enter into a three-year performance contract as Case Officer in the Ministry of Finance and Economic Affairs which may be renewed thereafter for further three-year periods subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Case Officer during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2. If the selected candidates are public officers, they will retain their substantive grade during the contractual period and will revert to their substantive grade on the termination of the contract. If the appointees are not public officers, their

uffiċjali pubbliċi, is-servizz tagħhom mal-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

3.1. Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Case Officer* fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 9 (Lm6,703 fl-2003) fl-ewwel sena tal-kuntratt, ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 8 (Lm7,157 fl-2003) fit-tieni sena tal-kuntratt u l-massimu ta' Skala 7 (Lm7,652 fl-2003) fit-tielet sena tal-kuntratt. Jekk persuna magħżula jkollha l-*warrant* biex tipprattika l-professjoni legali u għandha sentejn esperjenza minn meta kisbet il-*warrant,* din tirċievi l-massimu ta' Skala 7.

3.2. F'każ li l-persuni magħżula jkunu uffiċjali pubbliċi, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħhom u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *allowance* mhux pensjonabbli.

3.3. Jekk il-persuni magħżula jkunu uffiċjali pubbliċi, u matul il-perjodu tal-kuntratt, jinħatru fi grad bi skala ta' salarju oġħla minn skala 7, huma jkunu meħtieġ a li jirrinunzjaw d-doveri ta' *Case Officer* u jkunu trasferiti għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħhom. Barra minn hekk, jekk is-salarju sostantiv tal-persuni magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression,* il-persuni jitħallew ikomplu l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħhom kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma jiġux offruti tiġdid tal-kuntratt.

4.1. Minħabba n-natura tax-xogħol involut, il-persuni maħtura jkunu intitolati għal *disturbance allowance* ta' mhux aktar minn 15% tas-salarju tagħhom għall-xogħol li jsir regolarment wara l-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju. Din l-*allowance* tista' tiżdied sa 25% f'każi eċċezzjonali, u bl-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomici.

4.2. Il-persuni magħżula jkunu intitolati għal *performance incentive bonus* ta' mhux aktar minn 15% tas-salarju bażiku tagħhom, fuq bażi ta' riżultati pożittivi.

5. Il-persuni magħżula ma jitħallewx jeżerċitaw il-professjoni tagħhom privatament.

6. Persuni fil-pożizzjoni ta' *Case Officer* iridu, *inter alia,* imexxu investigazzjonijiet, jagħmlu xogħol ta' riċerka, jagħmlu analiżi, jiġbru informazzjoni, u jagħmlu rapporti u dokumenti oħra li jikkonċernaw materji tal-kompetizzjoni. Il-persuni jkunu mitluba wkoll li jitrattaw każijiet quddiem il-Qrati u jagħmlu preżentazzjonijiet orali jew bil-kitba kemm f'Malta kif ukoll barra.

service with the Ministry of Finance and Economic Affairs as well as with Government will be terminated in the event that the contract is not renewed or is terminated.

3.1. The salary attached to the position of Case Officer in the Ministry of Finance and Economic Affairs is equivalent to the maximum of Scale 9 (Lm6,703 in 2003) during the first year of contract, equivalent to the maximum of Scale 8 (Lm7,157 in 2003) during the second year of contract, and to the maximum of Scale 7 (Lm7,652 in 2003) during the third year of contract, provided that a person in possession of a warrant to practice the legal profession and with two years experience after obtaining the warrant will receive a salary equivalent to the maximum of Scale 7.

3.2. In the case that the selected applicants are public officers, the difference between the salary to which the selected officers are entitled by virtue of their substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.3. If the selected candidates are public officers and, during the contract period, are appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, they will be required to relinquish the duties of Case Officer and be transferred to duties pertinent to their new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officers becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, they will be allowed to complete their term of engagement as provided by the contract in force at the time, but they will not be offered subsequent renewal of the contract.

4.1. In view of the special nature of the duties involved, the appointees will also be entitled to a disturbance allowance of up to 15% of their salary for work performed regularly after office hours. The allowance may be increased to up to 25% in exceptional circumstances, and on the approval of the Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs.

4.2. Selected candidates will also be entitled to a performance incentive bonus of up to a maximum of 15% of their basic salary subject to positive performance.

5. The contract employees will not be allowed to perform their profession privately.

6. A Case Officer will be required inter alia to lead and manage investigations, to undertake research work, perform analysis, compile data, draw up reports and other documents concerning competition policy. Moreover, they will be required to engage in judicial litigation and make oral and written presentations both in Malta and abroad.

7.1. L-applikanti għandhom:-

a) ikunu ċittadini ta' Malta;

b) ikollhom il-*warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta;

ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà mpjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola (GP 47) *Service and Leave Record Form;* applikanti oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil-applikanti eliġibbli li għandhom kwalifika *post-graduate* fil-liġi jew Affarijiet Ewropej.

8. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għal din il-pożizzjoni.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10. Persuni magħżula jkunu jridu joqgħodu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adattati għal din il-pożizzjoni.

11. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Il-*Public Service Management Code* tista' tiġi aċċessata fuq il-*website* tal-MPO fl-indirizz:-http://www.mpo.gov.mt

12. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mis-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta sa mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgha, 31 ta' Ottubru 2003.

13. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta.

7.1. Applicants for the position must:

a) be citizens of Malta;

b) be in possession of the warrant to exercise the profession of Advocate in Malta;

c) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must provide a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

7.2. Due consideration will be given to eligible applicants who are in possession of a post-graduate academic qualification in law or European Affairs.

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applicationsġ originals to be produced for verification at the interview).

10. Selected candidates will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

11. On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO web site at address:-http://www.mpo.gov.mt

12. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta by not later than noon of Friday, 31st October 2003.

13. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Office of the Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtiega. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand is-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi fl-indirizz t'hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tal-Ministeru huwa +356-2122 7960).

15. a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi .

b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat rċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mis-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomici.

It-30 ta' Settembru, 2003

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs, at the above address by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Ministry is +356-2122 7960).

15. a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs and a receipt will be given at the time of delivery.

b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs, within seven (7) days.

30th September, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt għall-Postijiet ta' *Product Safety Inspector* fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Product Safety Inspector* fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijit Ekonomiċi.

2.1 Il-persuni magħżula jkunu mistennija li jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Product Safety Inspector* fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, liema kuntratt jista' jiġġedded għall-perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Product Safety Inspector* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Jekk il-persuni magħżula jkunu uffiċjali pubbliċi, huma jżommu l-grad sostantiv tagħhom waqt il-perjodu tal-kuntratt u jerġgħu lura għal dan il-grad sostantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuni magħżula ma jkunux uffiċjali pubbliċi, is-servizz tagħhom mal-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Product Safety Inspector in the Ministry of Finance and Economic Affairs

The Public Service Commission invites applications for positions of Product Safety Inspector in the Ministry of Finance and Economic Affairs.

2.1 Selected candidates will be expected initially to enter into a three-year performance contract as Product Safety Inspector in the Ministry of Finance and Economic Affairs which may be renewed thereafter for further three-year periods subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Product Safety Inspector during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2 If the selected candidates are Public Officers, they will retain their substantive grade during the contractual period and will revert to their substantive grade on the termination of the contract. If the appointees are not Public Officers, their service with the Ministry of Finance and Economic Affairs as well as with Government will be terminated in the event that the contract is not renewed or is terminated.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Product Safety Inspector* fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 10 (Lm6,285 fl-2003) fl-ewwel sena tal-kuntratt, ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 9 (Lm 6,703 fl-2003) fit-tieni sena tal-kuntratt u l-massimu ta' Skala 8 (Lm7,157 fl-2003) fit-tielet sena tal-kuntratt. Jekk persuni magħżula jkollhom sentejn esperjenza, dawn jirċievu salarju ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 8.

3.2 F'każ li l-persuni magħżula jkunu uffiċjali pubbliċi, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostanttiv tagħhom u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *allowance* mhux pensjonabli.

3.3 Jekk il-persuni magħżula jkunu uffiċjali pubbliċi, u matul il-perjodu tal-kuntratt, jinħatru fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 8, huma jkunu meħtieġa li jirrinunzjaw d-doveri ta' *Product Safety Inspector* u jkunu trasferiti għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħhom. Barra minn hekk, jekk is-salarju sostantiv tal-persuni magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 8 permezz ta' *progression,* il-persuni jitħallew ikomplu l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħhom kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħħad ma jiġux offruti tiġdid tal-kuntratt.

4.1 Minħabba n-natura tax-xogħol involut, il-persuni maħtura jkunu intitolati għal *disturbance allowance* ta' mhux aktar minn 15% tas-salarju tagħhom għall-xogħol li jsir regolarment wara l-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju. Din l-*allowance* tista' tiżdied sa 25% f'każi eċċezzjonali, u bl-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi.

4.2 Il-persuni magħżula jkunu intitolati għal *performance incentive bonus* ta' mhux aktar minn 15% tas-salarju bażiku tagħhom, fuq bażi ta' riżultati pożittivi.

5. Persuni fil-pożizzjoni ta' *Product Safety Inspector* ikunu meħtieġa *inter alia* li jmexxu investigazzjonijiet rigward is-sigurtà tal-prodott, jagħmlu eżamijiet u investigazzjonijiet li jikkonċernaw id-deskrizzjonijiet tal-prodott u s-sigurtà tal-prodott u jagħtu assistenza f'kull materja relatata biex isiru l-verifiki meħtieġa ma' programm ta' sorveljanza.

6.1 L-applikanti għandhom:-

a) ikunu ċittadini ta' Malta;

b) ikollhom lawrja minn Università rikonoxxuta fl-Inġinerija Mekkanika jew l-Inġinerija Elettrika jew f'suġġett tax-Xjenza Naturali;

ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà mpjegati fis-Servizz Pubbliċi għandhom jippreżentaw il-

3.1 The salary attached to the position of Product Safety Inspector in the Ministry of Finance and Economic Affairs is equivalent to the maximum of Scale 10 (Lm6,285 in 2003) during the first year of contract, equivalent to the maximum of Scale 9 (Lm6,703 in 2003) during the second year of contract, and to the maximum of Scale 8 (Lm7,157 in 2003) during the third year of contract, provided that a person with two (2) years experience will receive a salary equivalent to the maximum of scale 8.

3.2 In the case that the selected applicants are public officers, the difference between the salary to which the selected officers are entitled by virtue of their substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.3 If the selected candidates are public officers and, during the contract period, are appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 8, they will be required to relinquish the duties of Product Safety Inspector and be transferred to duties pertinent to their new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected officers becomes higher than the maximum of Salary Scale 8 through progression, they will be allowed to complete their term of engagement as provided by the contract in force at the time, but they will not be offered subsequent renewal of the contract.

4.1 In view of the special nature of the duties involved, the appointees will also be entitled to a disturbance allowance of up to 15% of their salary for work performed regularly after office hours. The allowance may be increased to up to 25% in exceptional circumstances, and on the approval of the Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs.

4.2 Selected candidates will also be entitled to a performance incentive bonus of up to a maximum of 15% of their basic salary subject to positive performance.

5. A Product Safety Inspector will be required, inter alia, to lead and manage investigations concerning product safety; to initiate, lead and manage examinations and investigations concerning market surveillance. They may also be expected to contribute towards the execution of necessary audits for adherence to a surveillance programme.

6.1 Applicants for the position must:

a) be citizens of Malta;

b) be in possession of a first degree from a recognized University in Mechanical Engineering or Electrical Engineering or a natural science subject;

c) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must provide a Service and Leave Record

formola (GP 47) Service and Leave Record Form; applikanti oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti eliġibbli li għandhom kwalifika akkademika *post-graduate* fl-Affarijiet Ewropej.

7. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għal din il-pożizzjoni.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuni jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adattati għal din il-pożizzjoni.

10. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex uffiċjali pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Il-*Public Service Management Code* tista' tiġi aċċessata fuq il-*website* tal-*MPO* fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mis-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, House of Catalunya, Triq Marsamxett Valletta sa mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-31 ta' Ottubru, 2003.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm jew jinkisbu mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand is-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi fl-indirizz t'hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tal-Ministeru huwa +356 - 21 227 960).

Form (GP 47); those applying from outside must provide a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6.2 Due consideration will be given to eligible applicants who are in possession of a post-graduate academic qualification in European Affairs.

7. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

9. Selected candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

10. On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO web site at address:- http://www.mpo.gov.mt.

11. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs, House of Catalunya, Marsamxett Road, Valletta by not later than noon of Friday, 31st October 2003.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Office of the Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs, House of Catalunya, Marsamxett Road, Valletta.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs, at the above address by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Ministry is +356 - 21 227 960).

14. (a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi .

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat riċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mis-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi.

It-30 ta' Settembru, 2003

14. a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs and a receipt will be given at the time of delivery.

b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The Permanent Secretary, Ministry of Finance and Economic Affairs will acknowledge the applications in writing within seven (7) days.

30th September, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Occupational Therapist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Occupational Therapist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' *Occupational Therapist* għandu salarju ta' Lm4,645 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' Lm152 sa massimu ta' Lm5,557 (Skala ta' Salarju 12). Persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* tiġi promossa għall-grad ta' *Occupational Therapist* Anzjan fi Skala Nru. 10 (Lm5,235 x 175 – Lm6,285) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* li għandha xi *degree* rikonoxxuta fl-*Occupational Therapy* titqiegħed fi Skala Nru. 10 b'sehħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree,* skond liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* gradwata tiżdied fis-salarju għal Skala Nru. 9 (Lm5,551 x 192 – Lm6,703) meta tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' *Occupational Therapist* gradwat. Persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* gradwata tiġi promossa għall-grad ta' *Occupational Therapist* Anzjan wara sentejn servizz fil-grad ta' *Occupational Therapist* jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal benefiċċji u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Id-dmirijiet ta' *Occupational Therapist* jinkludu:

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Occupational Therapist in the Health Division

The Public Service Commission invites applications for the filling of posts of Occupational Therapist in the Health Division.

2.1. The post of Occupational Therapist carries a salary of Lm4,645 per annum rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,557 (Salary Scale 12). An Occupational Therapist will be promoted to the grade of Senior Occupational Therapist in Scale No. 10 (Lm5,235 x 175 – Lm6,285) on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. An Occupational Therapist in possession of recognised degree in Occupational Therapy will be placed in Salary Scale 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Occupational Therapist will progress to Scale No. 9 (Lm5,551 x 192 – Lm6,703) on completion of two years service as graduate Occupational Therapist. A graduate Occupational Therapist will be promoted to Senior Occupational Therapist on completion of two years service in the grade of Occupational Therapist, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. The duties of an Occupational Therapist include:

a) provvediment ta' servizzi kliniċi rigward l-*Occupational Therapy*;

b) għotja ta' opportunità lill-*junior staff*, li jinkludi studenti, biex jakkwistaw esperjenza taħt superviżjoni;

ċ) konsultazzjoni ma' membri oħra tat-tim tar-riabilitazzjoni għal ko-ordinazzjoni ta' programmi terapewtiċi għal individwi u gruppi ta' pazjenti.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 15 Triq il-Merkanti, Valletta.

5. L-applikanti għandhom:

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati bħala *Occupational Therapists* mal-Bord għall-Professjonijiet Supplimentari għall-Mediċina;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu dettalji).

6. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti originali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

8. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

9. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/employment/forms.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

10. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-31 ta' Ottubru, 2003.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data tal-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-

a) provision of clinical services with regards to Occupational Therapy;

b) giving junior staff, including students, the opportunity to gain experience under supervision;

c) consultation with other members of the rehabilitative team to co-ordinate therapeutic programmes for individuals and groups of patients.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

5. Applicants must be:

a) citizens of Malta;

b) in possession of a certificate of registration as Occupational Therapists with the Board for the Professions Supplementary to Medicine;

c) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

6. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

7. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

9. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/employment/forms.htm

or obtained from the Personnel Section, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

10. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 31st October, 2003.

11. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Divi-

applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-242884.

12. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-30 ta' Settembru, 2000

sion by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356-21242884.

12. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

30th September, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet li ġejjin:

Lecturing Staff

Il-Kulleġġ jeħtieġ *full-time lecturing staff* li huma kwalifikati u għandhom esperjenzafl-oqsma msemmija hawn taħt:

Electrical Technology
Electronics/Microprocessors
Ingliż
Matematika
Occupational Health and Safety
Painting, Decorating u *Glazing*
Quantity Surveying
Xogħol fil-Ġebel

